Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1786

11.9.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1786

tad-9 ta' Settembru 2025

dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal kull manifattur kif ukoll l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2023

(notifikata bid-dokument C(2025) 5985)

(It-testi bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b), (d) u (f) tiegħu,

Billi:

(1) L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur jenħtieġ li jiġu ddeterminati abbażi tad-data rrappurtata mill-Istati Membri u mill-manifatturi skont ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għall-vetturi ta' dak il-manifattur.

(2) L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq id-data rrappurtata għall-vetturi mill-manifatturi kollha.

(3) Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi għal kull manifattur jenħtieġ li jiġi ddeterminat billi jitqiesu l-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi li jiġu rrapportati.

(4) It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-krediti tal-emissjonijiet għal kull manifattur jenħtieġ li jiġu ddeterminati abbażi tal-għadd ta' vetturi tqal ġodda, ħlief il-vetturi vokazzjonali, li jiġu rrappurtati. Ġew identifikati dawk il-vetturi li kienu ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda li ma kinux ġew irreġistrati hekk, u sarulhom il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 annwali ta' manifattur f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/941 [3].

(5) Id-data ppreżentata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq id-data disponibbli għall-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2025.

(6) Jista' jkun li l-Kummissjoni jkollha taġġorna d-data pubblika, jekk tirċievi data addizzjonali li tkun taffettwa r-riżultati ta' dawk il-kalkoli,

[1] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj.

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO_2 u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/956/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/941 tal-10 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi proċedura speċifika għall-identifikazzjoni ta' vetturi heavy-duty ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali iżda mhux irreġistrati bħala tali, u għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet għall-medja tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi annwali ta' manifattur biex jitqiesu dawk il-vetturi (ĠU L 205, 11.6.2021, p. 77, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/941/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 għal kull manifattur

L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242 fil-perjodu tar-rapportar tas-sena 2023, huma indikati fit-tieni kolonna tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi għal kull manifattur

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, fil-perjodu tar-rapportar tas-sena 2023, huwa indikat fit-tielet kolonna tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-krediti tal-emissjonijiet għal kull manifattur

It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-krediti tal-emissjonijiet għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1242, fil-perjodu tar-rapportar tas-sena 2023, huma indikati fir-raba' u l-ħames kolonna rispettivament tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha

L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fil-perjodu tar-rapportar tas-sena 2023, kif ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-formula tal-Anness I, il-punt 2.7, tar-Regolament (UE) 2019/1242 filwaqt li jitqiesu l-vetturi tqal ġodda tal-manifatturi kollha, huma 46,7 g/tkm.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-manifatturi li ġejjin:

(1) DAF TRUCKS N.V.
P.O. Box 90065
5600 PT Eindhoven
In-Netherlands

(2) DAIMLER TRUCK AG
Fasanenweg 10
70771 Leinfelden-Echterdingen
Il-Ġermanja

(3) FORD OTOMOTIV SANAYI A.Ş.
Akpınar Mahallesi Hasan Basri Caddesi No: 2
34885 Sancaktepe/İstanbul
It-Turkija

(4) HYUNDAI HYDROGEN MOBILITY AG
Hagenholzstrasse 60
8004 Zürich
L-Iżvizzera

(5) IVECO MAGIRUS AG
Nicolaus-Otto-Straße 27
89079 Ulm
Il-Ġermanja

(6) IVECO S.P.A.
Via Puglia 35
10156 Torino
L-Italja

(7) MAN TRUCK & BUS SE
Dachauer Straße 667
80995 München
Il-Ġermanja

(8) OTOKAR OTOMOTIV VE SAVUNMA SANAYI A.Ş.
Taşdelen Mahallesi Sırrı Çelik Bulvarı No: 5
34788 Çekmeköy/İstanbul
It-Turkija

(9) RENAULT TRUCK SAS
99 Route de Lyon
69800 Saint-Priest
Franza

(10) SCANIA CV AB
Vagnmakarvägen 1
151 87 Södertälje
L-Iżvezja

(11) VOLVO TRUCK CORPORATION
Herkulesgatan 75
405 08 Göteborg
L-Iżvezja

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-entrati kollha jirreferu għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2023.

Manifattur	Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242, fi g/tkm	Fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242	Trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1242, fi g/tkm	Krediti tal-emissjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, fi g/tkm
DAF TRUCKS N.V.	47,72	0,999	49,54	64 053
DAIMLER TRUCK AG	47,75	0,990	47,45	-
FORD OTOMOTIV SANAYI A.Ş.	52,55	1,000	49,12	-
HYUNDAI HYDROGEN MOBILITY AG	0,00	0,970	50,60	1 518
IVECO MAGIRUS AG	50,08	1,000	46,35	-
IVECO S.P.A.	47,91	0,983	45,11	-
MAN TRUCK & BUS SE	46,68	0,999	47,29	20 456
OTOKAR OTOMOTIV VE SAVUNMA SANAYI A.Ş.	36,21	1,000	28,52	-
RENAULT TRUCK SAS	43,45	0,970	45,70	45 111
SCANIA CV AB	44,13	0,996	48,38	168 905
VOLVO TRUCK CORPORATION	44,47	0,970	48,64	165 470